MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Numru. 903/2003

Il-Pulizija
(Spettur Walter Spiteri)
vs
Robert Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Robert Camilleri, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-26 ta’ Gunju, 2003 ghall-habta ta’ 8.00p.m. gewwa Triq San Gwann Safi kiser il-mistrieh u l-bon ordni pubbliku, b’ghajjat, storbju, glied jew mod iehor insulenta u hedded bi kliem lil James Albert Zammit, hebb ghall-imsemmi James Albert Zammit, u ikkagunalu feriti ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr Mark Rossi MD tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana  barra minn dan Robert Camilleri ikkaguna hsara volontarja fuq vettura numru LYN100 Toyota Passeo li tammonta ghal LM69 u dana ghad-dannu ta’ Albert Zammit.

Il-Qorti hija mitluba li tapplika Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni;

Issibu hati, u dan wara illi rat l-Artikoli 17, 31, 338 (dd), 339 (1) (e), 227 (1) u 325 (1) (b) u 383 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-imputat Robert Camilleri ghandu fedina penali nett, kif ukoll il-fatt illi James Albert Zammit hafirlu u waslu fi ftehim fejn Zammit ser jigi ikkumpensat mill-imputat tal-hsarat li kkawzalu. Ghalhekk wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 filwaqt illi tilliberah tobbligah illi ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien sena millum;

Il-Qorti torbot ukoll lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' LM100 ghal perjodu ta' tnax il-xahar millum milli b'xi mod jimmolesta aktar lil James Albert Zammit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------